# Lill-Ingilterra

Għaddew mijiet ta' snin u għadek sħiħa
Tħaddan l-Imperu li waqqaft bi drieghek,
Hienja, bla biża' u fil-ħsieb mistrieħa
Li l-ġnus mirbuħa jibqgħu mgħannqa mieghek.

Għaliex fil-ħniena int ma bqajt qatt xħiħa,
U lil min waqa' ma tridux jitmieghek;
Li twettaq fhemtek biss m'intix ilħiħa:
Int tjassar bil-Ħelsien lill-popli tieghek.

Għalhekk saltnatek ma tiġix miksura
U bħal ta' Ruma ma tisfax minsija,
Tagħmel li tagħmel il-ġirien għajjura.

Għalxejn minn fuqek tgħaddi mitt theddida
Ta' mewt u ħerba. Inti tqum qawwija
U tirbaħ ta' kull żmien l-aħħar taqbida.

Għawdex.

ĠORĠ PISANI